P. RANIERO ZAMMIT, KAPUĊĊIN



# IL-FESTA TAGĦNA

**60 Sena Ilu**

Fil-festa ta' sewwasew 60 sena ilu kont għadni daqsxejn ta' tfajjel ta' 13-il sena, abbati fil-Knisja tagħna, niġġerra madwar l-istess knisja u l-Każin u l-inħawi tal-Parroċċa tal-Madonna tas-Sacro Cuor. Il-Festa ħabtet nhar it-23 ta' Ġunju 1939 u kienet l-aħħar waħda solenni qabel ma bdiet il-gwerra. Niftakar li fl-entużjażmu taż-żgħożija tiegħi kont sawwart daqsxejn ta' Sunett bil-Malti dwar il-Knisja tagħna u l-opri kbar li kienu saru jew qed isiru dak iż-żmien. Xi wħud minn sħabi ikbar minni, wara li wrejtulhom, fettlilhom jistampawh għand Bonavia Litographers ta' Tignè biex jitqassam waqt il-Marċ tal-Banda tagħna. Hekk għamlu u hekk sar. Fil-Marċ tal-Ġimgħa, l-aħħar tat-Tridu tal-Festa, tellgħuni fuq l-ispallejn u qabbduni ntajjar dawn il-karti volanti bis-sunett tiegħi waqt li jien naqra strofa wara l-oħra minnu. Ċapċip, għajjat u briju! L-ewwel strofa kienet tgħid:



Il-faċċata tal-Knisja tagħna.

"X'ġara llum dad-daqq ta' qniepen?
Għaliex dal-ferħ, din l-allegrija?
Għax il-Knisja u toroq kollha mżejna?
U n-nies ġejja mija, mija?"

L-istrofi ta' wara taw it-tweġiba għall-ewwel waħda. Dan kollu għax "il-Festa tal-Patruna tagħna reġgħet magħna". Imbagħad jissemmew uħud mill-opri kbar u xogħlijiet oħra li missirijietna u ħutna ta' dak iż-żmien kienu qed jagħmlu biex isebbħu dejjem iżjed it-tempju tal-Parroċċa tagħna. Fost l-oħrajn jissemmew il-Koppla sabiħa u unika mdawra bi statwi ta' qaddisin Franġiskani; il-Kwadru devot u simboliku tat-Titular fil-Kor; il-pulptu famuż li hu tabilħaqq wieħed mil-isbaħ fl-injam, bronż u rħam; il-linef tal-kristall li kienu għadhom kemm iżżanżnu (li imma ma tgawdewx wisq għax tfarrku meta ġġarrfet parti sew mill-Knisja fl-1 ta' April 1942), l-Orgni l-kbir u l-gallerija artistika tiegħu li kienu qed jitlestew u xogħlijiet oħra. Ta' min jgħid li minkejja li jien għamilt ħilti kollha biex insawwar dak l-imbierek sunett li tqassam, l-għada filgħodu meta mort ngħin il-Quddies bħas-soltu, l-anqas laħaq rani P. Feliċ Grima OFM li tani ċamata sew u wkoll fajjarli daqqtejn kurdun, waqt li qalli: "Bħala abbati m'għandekx toqgħod titbellaħ!" (Sinċerament illum niddubita jekk qallix hekk bis-serjetà. Hu kien iħobb il-Knisja tagħna u l-Festa tal-Madonna li nagħmlu iktar minna lkoll).

**Opri Ġodda fil-Knisja**

Issa min jiġi Tas-Sliema llum għall-Festa tal-Madonna tas-Sacro Cuor żgur li jitgħaxxaq u jsib wisq iżjed opri li saru minn dak iż-żmien 'il hawn. Biżżejjed insemmu, – bħala l-aqwa fost l-opri l-oħra – l-art kollha tal-knisja miksija bi rħam mill-isbaħ, id-damask fin li jiksi kull



Il-Kwadru Titulari tal-Madonna tas-Sacro Cuor fil-Parroċċa tagħna, b'Tas-Sliema taħtha, xogħol tas-Sorijiet Franġiskani Missjunarji ta' Marija, f'Ruma.



In-niċċa għanja tal-Madonna – xogħol ta' Mastru Toninu Cuschieri minn Tas-Sliema, waħda minn għadd ta' opri ġodda fil-Knisja tagħna.

rokna tal-Knisja, il-bradella u l-bankun artistiku għall-vara, in-niċċa għanja tal-Madonna u, fuq kollox, is-saqaf tal-knisja kollu pittura u induratura, l-ewwel biċċa xogħol sħiħa tal-magħruf pittur Chev. Pawlu Camilleri Cauchi.

Din il-pittura tgħaqqad tajjeb il-kwadri l-oħra ta' l-artali tal-ġnub, xogħlijiet ta' pitturi mill-aqwa ta' żminijiet qabel, bħal ħafna li hemm ta' Ġużeppi Calì (fosthom l-abside ewlenija tal-maġġur), ta' Lazzaro Pisani, ta' Francesco Zahra, ta' Oscar Testa u oħrajn. Opra kbira oħra hija l-artal-mejda ta' rħam mill-ifjen, ta' l-antiporta tal-Bieb Maġġur u dawk tal-ġnub, u paramenti sagri rikki, kisi bil-fidda ta' oġġetti sagri tal-Liturġija u bosta oġġetti oħra. Dan kollu jagħti ħjiel ċkejken tal-ġenna. Fuq kollox, iżda, tiddomina l-vara titulari tal-Madonna tas-Sacro



Il-koppla – il-lum bil-pittura tal-magħruf Kav. Pawlu Camilleri Cauchi.



L-Orgni l-kbir li sar fl-1938 mid-ditta magħrufa Balbiani Bossi ta' Milan fl-Italja. Il-gallerija tiegħu hija xogħol sabiħ ta' Lorenzo Rocco minn Tas-Sliema.

Cuor, taħt il-mant ċelesti eleganti, li sewsew 120 sena ilu ssawret mill-idejn ta' l-istatwarju magħruf Ġilormu Damanin, daħlet issaltan fil-qlub tas-Sliemiżi f'din ir-roqgħa ta' Tas-Sliema li hija għażlet bħala għamara tagħha għal dejjem.

## Fit-Toroq u fil-Każin

Dan biex ma nsemmux l-armar kif jixraq lill-Parroċċa bħal din: kull triq bl-armar proprju tagħha, bi statwi u trofej mferrxin ma' bosta toroq, pavaljuni mill-isbaħ, u fuq kollox il-kolonna unika f'Malta li fuqha tittella' l-istatwa tal-Madonna fix-Xat: opra tassew artistika kollha kemm hi fl-irħam b'disinn mill-aqwa tal-magħruf Ronnie Pisani, u kolonna oħra ta' l-injam li fuqha tintrema' x-xbieha ta' Tas-Sliema, dejjem fil-qalba tax-Xatt. Imbagħad, min jiġi Tas-Sliema għal din il-Festa ewlenija għandu jitpaxxa wkoll bil-Każin tal-Banda Ċittadina "SLIEMA", biswit il-Knisja, li llum sar qisu mużew ta' l-arti bix-xogħlijiet li saru fih dawn l-aħħar snin, bl-għamajjar li fih, bil-proġett tal-Millenju fil-bitħa spażjuża, bil-fided li jżejnu kull sala tiegħu, u bil-bosta ritratti, tifkiriet għeżież ta' l-istorja għanja tas-Soċjetà Filarmonika "SLIEMA" u s-suċċessi li kisbet mill-bidu sa llum.

Iva, dawn li semmejna huma bla dubju ħwejjeg sbieħ u ta' min jifraħ bihom għax jixhdu l-qima, l-imħabba u d-devozzjoni tagħna lejn il-Mulej Ġesù u l-Omm għażiża tiegħu, is-Sinjura ta' Qalbu Mqaddsa. Iżjed minn hekk, imma, huwa ta' min jifraħ bil-ġid kbir fir-ruħ u fil-ġisem li sar matul il-120 sena li l-Madonna tas-Sacro Cuor ilha fostna. Il-ġid li ħareg bis-Sagramenti Mqaddsa li ngħataw lil tant erwieħ minn kemm ilu li missirjietna ħatru lis-Sultana tal-Qalb ta' Ġesù bħala l-Patruna tal-Parroċċa u tal-Każin tagħna.

## L-Aqwa Opri

- Min jaf kemm erwieħ għajjenin spiritwalment reġgħu ngħaqdu ma' Alla fis-Sagrament tal-Qrar?
- Min jista' jgħodd in-numru ta' dawk li laqgħu f'sidirhom lil Ġesù Ewkaristija?
- Kemm u kemm trabi saru wlied il-Knisja bis-Sagrament tal-Magħmudija?
- Kemm min fost ħutna kienu kkonfortati bl-għajnuna tal-Knisja qabel marru jiltaqgħu mal-Ħallieq?
- Min jaf kemm huma dawk li ħalfu mħabbithom lejn xulxin għal dejjem fis-Sagrament taż-Żwieġ?
- U dawk l-oħrajn li taw ruħhom 'l Alla billi ħaddnu xi Ordni Reliġjuż jew saru Qaddejja tal-Mulej bħala qassisin, u li Tas-Sliema dejjem kellha għadd ġmielu minnhom?
- U, wara kollox, min jista' jifli liema xita ta' grazzji l-Madonna tefgħet fuq kull wieħed u waħda minn uliedha tul is-snin li ilha tħarisna bħala Ommna?

Dawn tabilħaqq huma l-isbaħ, l-aqwa u l-akbar opri u teżori tal-Parroċċa tagħna.

Jalla l-imħabba qawwija lejn Ġesù Sidna u Ommu Marija, il-Madonna tas-Sacro Cuor, li l-ewwel żera' t-twajjeb Dun Pawl Vella, u mbagħad ġiet imsaħħa u mkattra mill-Franġiskani, tibqa' tiżdied, titħeġġeġ u twarrad issa u dejjem għal li ġej. Dan hu li titlob, li trid u li tistenna minna lkoll il-Madonna f'Jum il-Festa kbira li nagħmlulha f'Tas-Sliema. Ma nħallu xejn jifridna minn Marija u minn Binha Ġesù. Imbagħad, iva, titla' ħerqana u ferrieħa t-talba u l-għajta tagħna meta, l-istatwa maestuża u devota tagħha, toħroġ iddur u tbierek it-toroq imżejna tal-Parroċċa. Talba u għajta ta' wlied veri u devoti li titla' lejn is-sema kaħlani ta' Art Twelidna, u li tibqa' tidwi fuq il-baħar sabiħ, melliesi li jdawwar Belt Twelidna, TAS-SLIEMA, li mit-tislima ta' l-Anġlu lil Marija ħadet isimha, bil-qalb kollha ngħidulha:

Madonna sbejħa! F'dan il-Jum ta' mħabba,  
Tas-Sliema tidħol taħt il-mant kbir Tiegħek,  
Għad-dell ta' ħarstek safja qatt imtabbgħa,  
Taħlef li tibqa' tgħix għal dejjem miegħek!"

*(Strofa mill-poeżija ta' P. Marjanu Vella OFM – 1960)*

"Inti l-għaxqa ta' Tas-Sliema!  
L-ewwel dejjem fuq kulħadd,  
Int għalina qabel kollox  
għax żgur bħalek m'għandna 'l ħadd."

*(Strofa mill-Innu 'Lil Madonna tas-Sacro Cuor' ta' P. Camillo Aquilina OFM li titkanta fuq l-Ave Maria ta' Lourdes).*